# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Kaz Nru. 1521

**Pamela Galea**

u

**Volksbank Malta Ltd**

Data: 30 ta' Ottubru 2002

## DIGRIET

It-Tribunal Industrijali fuq talba taz-zewg partijiet ordna d-divjet tal-pubblikazzjoni tad-decizjoni numru 1346 fil-kaz numru 1521. Dana minhabba in-natura tal-kaz.

Franco Masini
Chairman

# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU. 1346

Kaz Nru 1521

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

**Pamela Galea**

u

**Volksbank Malta Ltd**

dwar tkeccija mill-impieg allegata
li hi ngusta

Data: 30 ta' Ottubru 2002

**Chairman: is-sur Franco Masini**

## 1.Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fit-13 ta' Marzu 2001 b'riferenza MSP/TI/19/2001 wara li l-Avukat Andrew Borg Cardona f'isem Pamela Galea kien kiteb lill-Onorevoli Ministru fid-9 ta' Marzu 2001 fejn allega li l-istess Pamela Galea kienet giet licenzjata illegalment mill-impieg taghha mal-bank Volksbank Malta Ltd fl-14 ta' Frar 2001. Volksbank Malta Ltd li kien rapprezentat minn Thomas Havlik u Hector Spiteri, assistiti mill-Avukat Godwin Muscat Azzopardi, cahad dan. Inzammu 13 il-seduta.

## 2. Digriet

Fl-4 ta' Lulju 2001 it-Tribunal, fuq talba tal-Bank Appellat, li ma gietx opposta mill-Appellanti, ta digriet dwar kunfidenzjalita`. Minhabba l-fatt li l-Bank Appellat kien wiehed *offshore* biex jigi rispettat dak li hemm fl-artikolu 31(4) tal-Att dwar ic-Centru ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap 330) il-kaz kellu jigi mismugh bil-maghluq salv meta tigi moghtija d-decizjoni.

**3. Fatti tal-Kaz**

L-Appellanti, li kellha l-kariga ta' *Head of Retail Accounts Department* mal-Bank Appellat, giet sospiza mid-doveri taghha bis-salarju shih sakemm saru xi indagini dwar dokumentazzjoni li allegatament instghabet nieqsa mir-*records* ta' klijenti tal-imsemmi Bank. L-Appellanti allegat li dana sar fuq struzzjonijiet ta' xi superjuri taghha. Lill-Bank Appellat dan ma irrizultalux u ghaldaqstant wara xi investigazzjonijiet l-Appellanti giet licenzjata mill-kariga li kienet tokkupa.

**4. Kunsiderazzjonijiet**

Centrali ghal dan il-kaz kollu hija l-fiducja li l-Bank Appellat jghid li tilef fl-Appellanti. Fit-trattazzjoni l-Bank Appellat sostna li dan in-nuqqas ta' fiducja fl-Appellanti kien il-bazi tal-kaz kollu. Fil-qasam bankarju l-fiducja hija mhux biss necessarja izda indispensabbli fl-operat finanzjarju ghaliex minghajrha ma jistax isehh in-negozju. Il-fiducja trid tinstaghab mhux biss bejn il-klijenti u l-bank izda bejn l-impjegati u l-bank innifsu. Il-Bank Appellat ibbaza hafna mill-argumenti tieghu waqt il-kaz fuq il-fatt li f'certu zmien kien tilef il-fiducja fl-Appellanti u dana wassal biex jitterminalha l-impieg taghha. Ghad li kif inghad il-fiducja hija l-pern tal-hidma bankarja u finanzjarja, it-telf ta' fiducja f'impjegat ma tistax tkun il-bazi ghal licenzjament. Dana mhux it-Tribunal qed jghidu izda l-ligi li titkellem car u car hafna. Is-sub-artikolu 14 tal-artikolu 34 tal-Att li jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap 135) jaghti dritt lill-Principal li jillicenzja impjegat 'ghal raguni tajba u bizzejjed'. Izda jghid *inter alia* li **principal ma jistax igib bhala raguni tajba u bizzejjed** "hlief fil-kaz ta' impjegat domestiku privat **illi l-impjegat ma jgawdix izjed il-fiducja tal-principal.**" Ghaldaqstant l-argument tal-Bank Appellat illi minhabba nuqqasijiet allegatament kommessi mill-Appellanti kien tilef l-fiducja li kellu fiha ma jistax jigi accettat mit-Tribunal bhala kawza gusta ghall-licenzjament taghha.

It-Tribunal kellu quddiemu in-nuqqasijiet allegatament kommessi u ried jezamina jekk dawn kienux fil-fatt kommessi, kienx hemm gustifikazzjoni ghalihom u kienux tali li jimmeritaw is-sanzjoni estrema ta' licenzjament. Ma' tul is-smiegh tal-kaz issemmew hafna l-investigazzjonijiet li saru qabel ma ittiehdet id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti. Meta gew a konjizzjoni tal-Bank Appellat l-allegati irregolaritajiet kommessi mill-Appellanti din giet sospiza minghajr ma nzammilha s-salarju u dana sar biex skond l-Bank Appellat ma jigux inkwinati xi provi li seta' kien hemm. L-ittra ta' sospensjoni datata 25 ta' Settembru 2000 (Dok A) tghid li s-sospensjoni hija "*until further notice pending investigations*". Sussegwentement inhatret bord ta' investigazzjoni indipendenti maghmulha

mill-Avukat Max Ganado u Magister Gerhard Laydat li kien *Deputy Head of Internal Audit* fl-ufficcju principali tal-Bank Appellat fi Vjenna. Ma' tul il-kors ta' investigazzjoni l-Appellanti kienet intervistata minn Dr Max Ganado fil-presenza tal-Avukat taghha. Resokont maghmul minn Dr Ganado gie prezentat (Dok HS2).

Dana r-rapport iffirmat mill-istess Dr Ganado huwa intestat "*Annex 1 Record of Interview with Ms Pamela Galea held by Dr. M. Ganado on the 19th October 2000 at Volksbank in Sliema*". Huwa ta' zewg pagni li huma innumerati 7 u 8. Jidher car li dan id-dokument kien anness ma' xi rapport li Dr Ganado wahdu jew ma' l-imsemmi Magister Gerhard Laydat kienu ssottomettew lill-Bank Appellat. Qed jinghad hekk ghaliex l-ebda wahda minn dawn iz-zewg persuni ma gew prodotti bhala xhud u r-rapport intier ma giex intavolat. It-Tribunal ghaldaqstant ma setax jara it-*Terms of Reference* tal-bord investigattiv, ma jafx x'kienu l-konkluzjonijiet taghha u ma jafx kienx hemm xi rakkomandazzjonijiet lill-*Management* tal-Bank Appellat. Lanqas ma jaf kemm *Annexes* ohra kien hemm peress li l-*Annex* prezentat kien indikat bhala "*Annex I*". Ir-rapport ta' Dr Ganado huwa resokont ta' domandi li ghamel lill-Appellanti kif ukoll ir-risposti li tat. Kien speci ta' minuta jew verbal u kien jikkonsisti f'*res gestae*, minghajr kummenti. Wahdu ma jistax jigi kkonsidrat bhala investigazzjoni kompleta *molto piu`* li huwa anness ma' rapport shih u ma jidhirx li jifforma parti integrali tieghu. It-Tribunal ma jafx, per ezempju, Dr Ganado kellimx xi ufficjali u/jew rapprezentanti ohra tal-Bank Appellat u ma jafx fuq kollox, kif ga intqal, il-konkluzjonijiet finali tieghu fuq dan il-kaz. Ghalhekk kifipprezentat ghandu jigi meqjus b'kawtela kbira.

It-Tribunal jinnota li f'dan il-kaz l-Bank Appellat ma ghamilx uzu minn makkinarju dixxiplinarju adegwat lanqas almenu wiehed *ad hoc*. Serji kemm huma serji n-nuqqasijiet allegati kien id-dmir tal-Principal li jwaqqaf Bord Dixxiplinarju intern biex wara l-investigazzjonijiet li saru l-impjegata tigi rinfaccjata b'akkuza u tinghata l-opportunita` li tirrispondi ghaliha. Imbaghad wara konsiderazzjoni meqjusa setghet tinghata decizjoni. Kieku l-affarijiet saru kif messhom ma kienx ikun hemm bzonn li l-kaz jitwassal sat-Tribunal Industrijali ghaliex il-kaz dixxiplinarju kien jiehu l-kors tieghu *in-house* bl-ikbar kunfidenzjalita` u l-impjegata tinghata l-opportunita` kollha li taghti spjegazzjonijiet u tiddefendi ruhha.

In-nuqqasijiet allegati jistghu bazikament jigu raggruppati fi tnejn: li l-Appellanti naqset li tinkludi fil-*files* tal-klijenti informazzjoni importanti dwarhom u li hija ma obditx ordni tas-superjuri taghha li depoziti *cash* ta' 'l fuq minn £M5000 kellhom jigu rapportati lis-superjuri taghha.

Hemm kuntrast qawwi dwar in-nuqqas ta' informazzjoni fil-*files*. L-Appellanti tghid illi l-informazzjoni rikjesta fejn tinhtieg kienet hemm u tghid li kellha ordni mis-superjuri taghha li

ma tinkludix certa informazzjoni. Dan gie negat bis-shih mis-superjuri taghha. It-Tribunal kellu jahsibha sewwa dwar dan il-kunflitt. Mill-banda wahda kien hemm impjegata li kienet iccertifikatha konstatament li hija tajba fuq ix-xoghol u li taf sewwa l-proceduri. Mill-banda l-ohra hemm ir-reputazzjoni professjonali tas-superjuri taghha li ma kienx jaghmel sens li jaghtu ordni kif allegat l-Appellanti. Intqal ukoll illi sal-1997 l-Appellanti kienet ezemplari kif kienet izzomm dawn il-*files*. X'gara minn dak iz-zmien 'l hawn jistaqsi t-Tribunal? Possibbli li fi zmien ta' xi tliet snin hadd ma ittenda li l-affarijiet ma kienux regolari! Possibbli li anke bl-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji u tal-kontrolli interni tal-Bank Appellat ma tfaccawx xi dubji fl-Appellanti tant li baqghet tircievi *bonuses* qawwijin kull sena! Kellha tkun il-wasla tal-Managing Ditrector il-gdid, Thomas Havlik, li twassal biex jibdew jidhru n-nuqqasijiet? Infatti hemm l-incident kurjuz ta' kif il-predecessur tieghu Dr Luschin ta ordni dwar il-habi' tal-ismijiet u s-sostituzzjoni taghhom b'ittra, ordni li wara ftit tant kienet tidher mhix tajba li giet revokata.

It-Tribunal huwa wkoll perpless minn fattur iehor. Gie mistqarr illi l-*bonus* annwali li kienet tiehu l-Appellanti kien proporzjonat mar-rendiment taghha. Tant hu hekk li kien hemm indikazzjoni li meta dana tnaqqas kien jirrifletti nuqqas proporzjonali tar-rendiment taghha. Dana juri bic-car illi l-hidma taghha kienet taht skrutinju strett. Allura f'dawn is-snin kollha bil-kontroll kontinwu fuqha kif qatt ma tfaccaw l-allegati nuqqasijiet taghha? Lit-Tribunal ma jirrizultalux car u inekwivokabbli htija tal-Appellanti f'dan ir-rigward.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam man-nuqqas taghha li tavza lis-superjuri kull meta kien ikun hemm depositu *cash* ta' 'l fuq minn £M5000 l-Appellanti ma tatx spjegazzjoni sodisfacenti u kredibbli tan-nuqqas taghha li tobdi ordni legittima u ragonevoli. Ghaldaqstant tort f'dan ghandha. Huwa veru li kif gie mistqarr ma kienx hemm suspett ta' *money laundering* u hi tirritjeni li l-operat taghha kien jaqa' taht il-principju ta' *know your client*. Izda jibqa l-fatt li hi naqset mid-dover car li tobdi ordni tas-superjur taghha. Dana n-nuqqas avolja serju ma hux tali li jimmerita s-sanzjoni estrema ta' licenzjament.

## 5. Decizjoni

It-Tribunal isib li Pamela Galea giet illicenzjata minn Volksbank Malta Ltd ghal raguni li la hi gusta u wisq inqas sufficjenti.

## 6. Kumpens

It-Tribunal la gie mitlub u lanqas jidhirlu xieraq li jordna r-reingagg tal-Appellanti mal-Bank Appellat. Wara li kkunsidra l-kaz bir-reqqa inkluz xi nuqqasijiet li seta' kellha l-Appellanti fl-operat taghha, u kif il-karriera bankarja taghha giet affettwata negativament, u wara li qies is-somma ta' kumpens bonarju li kienet offruta kif ukoll sema' l-opinjoni tal-partijiet dwar il-kumpens it-Tribunal jillikwida s-somma li ghandha tithallas lill-Appellanti mill-Bank Appellat fl-ammont ta' £M10,000 (ghaxart elef lira Maltija). Din is-somma trid tithallas sa zmien xahar mid-data odjerna.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

## 7. Drittijiet

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

It-Tribunal jinnota l-mod korrett li bih agixxew l-Avukati taz-zewg partijiet. Ma' tul is-smiegh ta' dan il-kaz twil u difficli z-zewg Avukati imxew bl-ikbar lealta` professjonali ma' xulxin u mat-Tribunal.

## 8. Inkartament

Minhabba n-natura ta' dan il-kaz it-Tribunal jordna li l-inkartament kollu, hlief din id-decizjoni, ghandu jigi ssigillat u ma jkunx disponibbli hlief ghall-partijiet bil-permess tat-Tribunal. Barra minn hekk jista jinfetah biss fuq ordni ta' xi organu gudizzjarju. Ghal dan l-iskop it-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni ghandha tintbaghat mis-Segretarju tat-Tribunal lid-Direttur Generali tal-Qrati.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja